# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' April, 2019

**Rikors Numru : 521/2018 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**CV**

**vs**

**RB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' CV karta ta' l-identita' numru X, datat 26 ta' Novembru 2018, a fol 1 et seqq., li taqra hekk:

*Illi hija zzewwget lill-intimat RB fil-Knisja ta' Fatima, f'Gwardamangia fis-sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u wiehed (2001) skond certifikat hawn anness u mmarkat Dok "A";*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u affetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfenj u erbatax (2014) minn Nutar Dottor Elisa Falzon skond kopja jawn annessa u mmarkata Dok "B".*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied: RJB fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002) u CB fis-sittax (16) ta' Ottubru, elfejn u tmienja (2008);*

*Illi l-possibilita ta' rikonciljazzjoni ma zewgha giet diskussa ma l-Avukat*

*sottoskritta u inghatat mill-istess Avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin skond dikjarazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok "C", izda l-esponenti esprimiet ruhha fin-negattiv.*

*Illi l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt tal-manteniment minghand xulxin skont l-artikolu erbgha (4) tal-kuntratt ta' separazzjoni surreferit;*

*Illi ghaddew erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi ghalhekk jezistu il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti CV titlob lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha tiddikjara li z-zwieg taghha ma RB hu mahlul u li ghal dan il ghan tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u ghal kull fini u effetti kollha tal Ligi tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien stabbilit minnha, javza javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex b'hekk l-istess divorzju ikun jista jigi registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta' l-annotazzjoni relattiva fic-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok "A".*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' RB a fol 21 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti jikkonferma illi l-partijiet fil-kawza de quo ilhom separati permezz ta' separazzjoni personali mit-28 ta' Ottubru 2014 u ghaldaqstant jissodisfaw ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi m'ghad fadal l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*

*Illi l-minuri tal-kontendenti qieghdin jinghataw il-manteniment kif regolat mill-kuntratt ta' separazzjoni personali;*

*Illi ghaldaqstant, l-esponenti jaqbel mat-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promoter, dment illi kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dina l-procedura.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**CV** xehdet a fol 24 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fis-6 ta' Lulju 2001 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-28 t'Ottubru 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom  zewgt 'itfal. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**RB** xehed a fol 26 *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa***

***flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Lulju, 2001, fil-Knisja ta' Fatima, Gwardamangia (Vide Dok "A", fol 3), u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied;

Gie stabbilit di piu' illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 28 ta' Ottubru, 2014 in atti tan-nutar Dottor Elisa Falzon (Vide Dok "B", a fol 4 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-**

**llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**L-ispejjez ghandhom jibqu' minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**